# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.2

**Kap 5: Ġesù Jitwieled Bħalna**

**Lezzjoni 5.2: Il-Milied iġib miegħu ħafna ferħ.**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

1. Jirrevedu x'ikun sar fil-lezzjoni ta' qabel dwar il-ferħ fit-twelid ta' tarbija;
2. Jifhmu kif Marija laqgħet l-aħbar tal-miġja ta' Ġesù;
3. Jaħsbu kif huma għandhom jippreparaw għall-miġja ta' Ġesù;
4. Jagħrfu li għandhom jaħsbu fl-oħrajn.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- il-Bibbja;
- stampi li jkunu ġabu magħhom it-tfal ta' djar armati għall-Milied;
- stampa ta' Ġesù qed iħabbat;
- Karta ta' taħriġ 5.1;
- [vidjow klip tat-tħabbira tal-anġlu]



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Uri l-istampa ta' Ġesù qed iħabbat u staqsi lit-tfal kieku huma x'jagħmlu. Kieku kif iwieġbu għas-sejħa ta' Ġesù u kif iġibu ruħhom fil-preżenza tiegħu.
- Oħroġ mingħand it-tfal ideat u ħsibijiet dwar dan.



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Għid lit-tfal li Marija ukoll kellha sejħa mingħand Alla dwar il-miġja ta' Ġesù permezz tal-anġlu Gabrijel.
- Uri l-vidjow klip ta' din il-ġrajja.
- Staqsi: X'qaltlu Marija lill-anġlu? X'ħasset? Kif ġabet ruħha?
- Iddiskuti: Marija qalet 'iva' għax lil Ġesù riditu. Aħna rriduh lil Ġesù?
- Staqi: Id-djar tagħna kif nippreparawhom għall-miġja ta' Ġesù?

- Għid lit-tfal biex joħorġu l-istampi li ġabu magħhom u jinnotaw x'hemm fihom.
- Oħloq kuntrast bejn stampi li juru presepju u 'l Ġesù f'maxtura u stampi li juri rigali, siġra tal-Milied, eċċ.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.1.
- Għid lit-tfal biex jimmaġinaw li Ġesù qed iħabbtilhom il-bieb u se jilqgħuh f'dik il-kamra u għalhekk iridu jħejjuha għall-miġja tiegħu biex juri li huma bħal Marija - jridu lil Ġesù.
- Spjega li meta tħobb lil xi ħadd inti tixtieq tagħtih l-aħjar u tgħinu mill-aħjar li tista'.
- Għinhom ipoġġu l-affarijiet f'posthom u jpinġuhom. Stidinhom ukoll iżidu xi oħrajn li jaħsbu li jmorru fil-kamra.
- Spjega Attività 2. Għin lit-tfal jagħtu l-kulur lil dawk is-sentenzi li huma tajbin.
- Iddiskuti Attività dwar Sam u Tara u uri li l-Milied ifisser għajnuna lill-oħrajn.
- Agħmel rabta mal-lezzjoni li jmiss. Fakkar lit-tfal li Ġużeppi u Marija wkoll xtaqu l-aħjar għal Ġesù u wkoll immaġinaw li jagħtuh l-aħjar li jistgħu.



**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù kuljum qed iħabbat il-bieb ta' qalbna.
2. Aħna bħal Marija irridu ngħidulu 'iva' u naċċettawh f'ħajjitna; fid-dar, l-iskola u kull fejn inkunu.
3. Iċ-ċentru tal-festa tal-Milied huwa Ġesù. Hu għalhekk importanti li fit-tħejjijiet tagħna ninkludu lilu.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal jgħidu 'iva' lil Ġesù u meta jippreparaw ruħhom għall-Milied jinkludu lil Ġesù. Dan jagħmluh anke fiċ-ċelebrazzjonijiet.



**Niċċelebraw flimkien xi kant/ drama/ DVD ecc**



Il-video clip imsemmi fil-lezzjoni:

**Nitolbu:**

O Ġesù, kun miegħi mhux biss matul iż-żmien tal-Milied iżda fil-ġranet kollha tas-sena.

